MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 3467/1996/1

**Medairco Ltd.**

**v.**

**Ack Ltd. u Anthony Sammut**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi l-konvenuti *in solidum* bejniethom huma debituri tal-attur fis-somma ta' sitt elef, erba mija u disa' u tletin liri Maltin u seba u sittin centezmu (Lm6439.67)

rappresentanti kambjali skaduti favur l-attur; illi l-attur (*sic*) ghalkemm interpellat biex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju, 1996, huwa xorta wahda baqa' inadempjenti; talbet ghaliex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tad-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, dik il-Qorti m'ghandhiex tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef, erba mija disa' u tletin liri Maltin u seba u sittin centezmu (Lm6439.67) valur ta' tnax il-kambjala iffirmati favur l-attur u li kollha skadew; bl-ispejjez u interessi mid-dati ta' l-iskadenzi relattivi ta' kull kambjala sal-gurnata tal-effettiv pagament, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju, 1996 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbid;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Anthony Migneco, u l-lista tad-dokumenti relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew:
1. Illi l-kambjali li ghab-bazi taghhom is-socjetà attrici qeghda tipprocedi gew iggirati favur il-Mid-Med Bank Ltd u ghalhekk is-socjetà attrici ma setatx tistitwixxi l-proceduri odjerni stante li l-proprjetà taghhom gew trasferiti (*sic*);

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba tas-socjetà attrici hija ntempestiva stante li t-talba ghall-hlas tas-somma ta' sitt elef erba' mija u disgha u tletin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm6,439.67c0) tikkoncerna appalt ghall-konsenja u tqeghid ta' sistema ta' *air conditioning* li sal-lum ghadu ma giex ikkompletata (*sic*);
Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Anthony Sammut, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti illi permezz taghha, wara illi ppremettew illi s-socjetà ACK Ltd kienet tat appalt lis-socjetà attrici ghall-konsenja u tqeghid ta' sistema ta' *air conditioning* fil-Marina Palace Hotel, Msida;

illi sal-lum l-imsemmi appalt ghadu ma giex ikkompletat minkejja diversi talbiet da parti tal-konvenuti; illi in ezekuzzjoni ta' l-imsemmi appalt is-socjetà attrici kienet stallat numru ta' *air conditioners* li wara rrizulta li ma setghux jitwahhlu fil-post indikat mill-istess, b'mod li s-socjetà konvenuta ACK Ltd soffriet danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiffissa terminu qasir u perentorju entro liema s-socjetà attrici ghandha tikkompleta l-appalt fuq imsemmi skond is-sengha u l-arti; 2. fin-nuqqas, tawtorizza lill-konvenuti sabiex ghas-spejjez tas-socjetà attrici jaghmlu x-xogholijiet mehtiega taht id-direzzjoni ta' perit nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop; 3. tiddikjara lis-socjetà attrici responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenuti fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt fuq imsemmi; 4. tillikwida d-danni hekk sofferti jekk hemm bzonn permezz ta' perit nominat mill-Qorti; u 5. tikkundanna lis-socjetà attrici thallas dik is-somma li tigi hekk likwidata; bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici ngunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Anthony Sammut, u l-lista tax-xhied relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà attrici ghall-kontrotalba tal-konvenuti illi permezz taghha eccepiet:
1. Illi t-talbiet huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur esegwixxa l-appalt fl-interu (*sic*) tieghu;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Anthony Migneco, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat il-provvediment tal-hamsa (5) ta' Frar, 1999 illi permezz tieghu l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… tilqa' t-talba tas-socjetà attrici biex tiehu lura l-kambjalijiet esebiti fil-process biex terga' tipprezentahom mill-gdid wara li jkunu girati lilha. Billi, izda, dan l-episodju qam minhabba nuqqas tas-socjetà attrici li tara li tkun saret il-gira favur taghha qabel ma fethet il-kawza, l-ispejjez relativi thallashom is-socjetà attrici";

u dana wara illi kkonsidrat hekk:

“F’din il-kawza s-socjetà attrici qieghda titlob il-hlas ta’ sitt elef erba’ mija u disgha u tletin lira u sebgha u sittin centezmu (Lm6,439.67) valur ta’ kambjalijiet accettati mis-socjetà konvenuta u avallati mill-konvenut *proprio*.

“Dawn il-kambjalijiet, izda, kienu girati mis-socjetà attrici lil terzi. Ghalkemm il-kambjalijiet regghu gew f’idejn is-socjetà attrici, il-giratarju ma regax dawwarhom lura favur taghha. Il-konvenuti, ghalhekk, ressqu l-eccezzjoni illi s-socjetà attrici ma setghetx tmexxi b’din il-kawza ghall-hlas tal-kambjalijiet ghax ma ghadhiex sidthom.

“Wara li rat din l-eccezzjoni, is-socjetà attrici talbet li tiehu lura l-kambjalijiet mill-process sabiex terga’ tipprezentahom mill-gdid, prezumibbilment wara li jkunu girati favur taghha.

“Il-konvenuti opponew ghal din it-talba, u taw dawn ir-ragunijiet:

1. ghax in-nuqqas tal-gira ma jistax ikun sanat f’dan l-istadju tal-proceduri;
2. ghax jekk tintlaqa’ t-talba tas-socjetà attrici tkun pregudikata l-eccezzjoni tal-konvenuti; u
3. ghax il-*ius superveniens* ma jghoddx ghall-kaz tallum.

“It-tieni u t-tielet ragunijiet migjuba mill-konvenuti ma humiex hlief tifsira ta’ l-ewwel raguni; *i.e.* il-konvenuti qeghdin ighidu illi n-nuqqas ma jistax ikun sanat f’dan l-istadju minhabba fit-tieni u t-tielet ragunijiet migjuba fuq. Ghalhekk li rridu nqisu huma l-ahhar zewg ragunijiet.

“L-ewwel oppozizzjoni ghat-talba tas-socjetà attrici hija mibnija fuq dak li jghid l-art. 175(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili:

**175.** (1) Il-qorti tista, f’kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta’ wahda mill-partijiet, wara li tisma meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew

tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta’ wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

“Jekk il-kambjalijiet ikun girati favur is-socjetà attrici, l-eccezzjoni mibnija fuq in-nuqqas ta’ gira ma tibqax rilevanti ghall-kaz, u ghalhekk il-konvenuti jkunu pregudikati.
“Dan l-artikolu, izda, ma jghoddx fil-kaz tallum, ghax, jekk tintlaqa’ t-talba tas-socjetà attrici, il-qorti la tkun ordnat is-sostituzzjoni ta’ att u lanqas ippermettiet bdil f’xi skrittura. L-iskritturi, kif jidher car mill-art. 174 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, huma atti gudizzjarji, u mhux dokumenti. Ghalhekk, jekk issir tibdil fil-kambjalijiet, ma jkunx sar tibdil fi ‘skrittura’. Jekk, imbaghad, il-kambjalijiet jistghu jitqiesu atti, xorta ma hix sejra ssir sostituzzjoni taghhom, ghax it-talba tas-socjetà attrici hi li l-istess dokumenti ikunu pprezentati mill-gdid - ghalkemm wara li jkunu girati - u mhux li jkun prezentat dokument iehor flokhom.

“It-tieni argument tal-konvenuti huwa mibni fuq dak li qalet din il-qorti f’sentenza moghtija fis-26 ta’ Marzu 1935 *in re Group Captain John Sowrey nomine et versus Gioconda Cutajar* dwar id-dottrina ta’ *ius superveniens*:

The legal doctrine of so-called *ius superveniens* … … … applies when the legal undertaking was held in abeyance by a period which falls due during the course of the proceedings, and not when its validity was conditional and dependant on the fulfilment of a condition which was ignored.

“F’sentenzi eqreb ghaz-zmien tallum, izda, dawn il-qrati taw il-beneficcju tal-*ius superveniens* mhux biss meta kien ghadu ma ghaddiex zmien izda wkoll f’kazijiet fejn kienet nieqsa kondizzjoni essenzjali meta nfethet il-kawza, u din

il-kondizzjoni sehhet waqt li l-kawza kienet miexja, ukoll meta din il-kondizzjoni kienet tehtieg li ssir xi haga minn terzi.

“Il-qorti qieset ukoll illi dak li jigri jekk tkun michuda t-talba tas-socjetà attrici jkun li l-kawza tiftahha mill-gdid wara li l-kambjalijiet ikunu girati favur taghha. Ic-cahda tat-talba ghalhekk twassal biss ghal aktar spejjez u hela ta’ zmien, waqt li l-pozizzjoni tal-konvenuti tibqa’, essenzjalment, l-istess ghax dak li jkunu helsu minnu f’din il-kawza jsibuh f’kawza ohra. Ghalhekk, il-konkluzjoni favur it-talba tas-socjetà attrici mhux biss hija skond il-ligi izda wkoll gusta u prattika ghax kompatibbli mal-htiega ghall-ekonomija fil-proceduri gudizzjarji.”

Rat is-sentenza tas-sitta (6) ta’ Gunju, 2002 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
“… tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tichad ukoll il-kontro-talbiet, tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lill-attrici s-somma ta’ sitt elef erba’ nija u disgha u tletin lira u sebgha u sittin centezmu (Lm6,439.67), flimkien ma’ l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni.

“L-ispejjez gudizzjarji, hlief dawk li dwarhom gà nghatat decizjoni fid-dikriet tal-5 ta’ Frar 1999, ghandhom ihallsuhom il-konvenuti”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“It-talba tas-socjetà attrici hija mibnija fuq kambjalijiet mahruga mis-socjetà konvenuta u avallati mill-konvenut Anthony Sammut *proprio*. Dawn il-kambjalijiet inhargu favur is-socjetà attrici; din, kif rajna, dawrithom favur *Mid-Med Bank Limited* u l-bank rega’ dawwarhom lura favur taghha.

“It-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas ta’ dawn il-kambjalijiet hija provata bil-kambjalijiet infishom. Ghalhekk imiss lill-konvenuta illi turi ghala ma ghandhiex tigi kundannata thallas il-kambjalijiet. Il-konvenuta qieghda tghid illi t-talba hija intempestiva billi l-attrici ghadha ma ghamlitx dak kollu li ntrabtet li taghmel u ghamlet xi xoghol hazin.

“Ghalkemm din hija eccezzjoni li titqies personali ghall-possessur tal-kambjala, ghax mibnija mhux fuq il-kambjala nfisha izda fuq il-kuntratt li wassal ghall-hrug taghha, madanakollu, xorta tista’ tinghata f’din il-kawza ghax il-partijiet huma l-istess partijiet li dehru fuq il-kuntratt.

”Il-partijiet jaqblu illi l-ftehim bejn il-partijiet kien ghall-konsenja u thaddim ta’ zewg tipi ta’ *air conditioning units* fil-lukanda tal-konvenuta.

“L-ewwel tip kien dak li jissejjah *window unit*. Dawn il-*units* twahhlu mal-faccata tal-lukanda u thaddmu, izda wara xi zmien, wara intervent mill-Awtorità ta’ l-Ippjanar billi ma kienx hemm permess ghal dawn il-*units*, is-socjetà konvenuta kellha taqlaghhom u ddahhalhom aktar ’il gewwa fil-hajt tal-faccata biex ma jibqghux jisporgu.

“Dan gara ghax fil-pjanti li kienet issottomettiet is-socjetà konvenuta lill-awtorità ma kienx mahsub ghal dawn il-*units*.

“Is-socjetà attrici qieghda tghid illi, ukoll kif qeghdin illum, *i.e.* imdahhlin fil-hajt minghajr ebda parti minnhom tisporgi ’l barra, dawn il-*units* xorta jistghu jahdmu, basta mal-gnub ikollhom bizzejjed spazju mnejn jiehdu l-arja. Is-socjetà konvenuta, izda, qieghda tghid illi ma humiex qeghdin jahdmu.

“Fil-fehma tal-qorti, dan ma hux kaz fejn is-socjetà konvenuta talbet lill-attrici tbighilha *units* illi jkunu jaqblu mal-permess illi kellha, u l-attrici naqset milli taghmel hekk; huwa kaz fejn il-konvenuta naqset ghal kollox milli tahseb ghall-permess, kif jidher mix-xiehda tal-*principal enforcement officer* ta’ l-Awtorità ta’ l-Ippjanar. Ghal dan in-nuqqas ma tistax titfa’ l-htija fuq l-attrici, u ghalhekk l-eccezzjoni ta’ intempestività, safejn tolqot dawn il-*units*, ma tistax tintlaqa’.

“Il-*units* l-ohrajn huma *split units*. Is-socjetà konvenuta qieghda tghid illi dawn il-*units* qatt ma thaddmu mill-attrici u illi hi kienet ilmentat ma’ l-attrici dwar hekk, waqt illi l-

attrici qieghda tghid illi x-xoghol sar kollu u qatt ma kien hemm ilmenti mill-konvenuta qabel ma saret il-kawza.

“Din il-qorti ssibha ftit iebsa biex temmen lill-konvenuta meta tghid illi kienet ilmentat ma’ l-attrici dwar dawn il-*units* meta tqis illi bejn Mejju ta’ l-1995, meta nhargu l-kambjalijiet, u l-10 ta’ Jannar 1997, meta deher ir-rapprezentant tal-konvenuta ghall-ewwel dehra fil-kawza, ma ghamlet xejn bil-miktub: la xi att gudizzjarju u lanqas ittra bl-avukat. Lanqas ma tqis wisq kredibbli dak illi xehed b’*affidavit* Francis Catania, *electrician* imqabbad mill-konvenuta, meta qal illi dawn il-*units* baqghu ma tqabbdux ghax is-socjetà attrici baqghet ma gharrfitx lill-konvenuta jekk kinitx mehtiega provvista elettrika b’*phase* wiehed jew bi tlieta. Li kieku kien dan biss li qieghed izomm biex il-progett jitlesta u biex il-konvenuta thallasha, is-socjetà attrici kienet sejra ma taghtix dan it-taghrif?

“Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti aktar temmen lill-attrici meta tghid illi l-ilmenti mressqa llum mill-konvenuta huma biss skuza biex ma jhallsux.

“L-eccezzjoni ta’ intempestività hija ghalhekk michuda. Ghall-istess ragunijiet, il-kontro-talbiet ukoll huma michuda.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi din il-Qorti:
“1. Tirrevoka d-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Frar 1999 u tqis il-kambjali bhala li qatt ma gew iggirati favur is-socjetà appellata.

2. Tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Gunju 2002 billi:
(a) Tichad it-talba tas-socjetà appellata u tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevata (*sic*) mill-esponenti;
(b) Tilqa’ t-talba rikonvenzjonali mressqa mill-esponenti. Bl-ispejjez kontra s-socjetà appellata.”

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi jigi michud l-appell

interpost mill-konvenuti u illi jigu konfermati d-digriet u s-sentenza in kwistjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat dwar l-appell mid-digriet tal-5 ta' Frar, 1999:

Illi minn qari ta' dik il-parti tar-rikors ta' appell illi fiha l-appellanti ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom sabiex isostnu t-talba illi d-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-5 ta' Frar, 1999 ghandu jigi revokat, jirrizulta illi l-appellanti ma huma qed jaghmlu xejn hlief prattikament jirrepetu r-ragunijiet illi, *qua* konvenuti, avanzaw quddiem l-ewwel Qorti sabiex juru ghaliex ma kellhiex tintlaqa' t-talba tas-socjetà attrici - verbalizzata waqt l-udjenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, 1998 (fol. 77) - illi tirtira l-kambjali già esebiti sabiex tkun tista' tesebihom mill-gdid fi stadju ulterjuri. Dina l-Qorti ezaminat sewwa l-imsemmi digriet tal-5 ta' Frar, 1999 u hija tal-fehma soda illi l-konsiderazzjonijiet illi ghamlet fih l-ewwel Qorti illi wassluha sabiex takkolji l-imsemmija talba tas-socjetà attrici huma kollha validi. F'dan il-kontest, dina l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi huwa sinjifikattiv illi fir-rikors ta' appell l-appellanti ma sabu xejn x'jghidu dwar dik il-parti tad-digriet in ezami fejn l-ewwel Qorti applikat il-beneficcju tal-*jus superveniens*;

Illi huwa xieraq illi jigi trattat brevement dak illi jinghad fil-parti hawn taht citata mill-paragrafu enumerat sitta (6) tas-sezzjoni tar-rikors ta' appell intitolata "Id-digriet tal-5 ta' Frar 1999":
"Illi t-talba sabiex jigu ritirati l-kambjali ma ghandhiex tigi milqugha fuq il-fatt li jekk tigi rifjutata ser ikomplu jizdiedu l-ispejjez u jinhela aktar zmien. … Lanqas m'huwa floku li wiehed joqghod jikkontempla ta' (*sic*) x'jista' jsir il-quddiem f'kaz li t-talba ta' l-attur tfalli";

Jidher illi din is-silta appena citata qed tirreferi ghal dak illi qalet l-ewwel Qorti fil-penultimu paragrafu tad-digriet in ezami. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, minghajr ma jitnaqqas xejn mill-validità ta' dak illi jinghad f'dak il-paragrafu, fil-

parti tad-digriet illi pprecediet l-istess paragrafu già kien hemm ragunijiet sufficjenti sabiex tintlaqa' t-talba relativa tas-socjetà attrici;

Ghar-ragunijiet moghtija minn dina l-Qorti, it-talba ta' l-appellanti ghar-revoka tad-digriet tal-5 ta' Frar, 1999 ma timmeritax akkoljiment;

Ikkunsidrat dwar l-appell mis-sentenza tas-6 ta' Gunju, 2002:

Illi fil-paragrafu enumerat wiehed (1) tal-parti tar-rikors ta' appell intitolata "Sentenza tas-6 ta' Gunju 2002" l-appellanti issottomettew hekk:
"Illi … jinghad li l-Ewwel Qorti ddikjarat li gialadarba l-kambjali gew iggirati favur is-socjetà appellata '*illum ghalhekk il-kambjalijiet huma tas-socjetà attrici, ma hemmx ghalfejn inqisu aktar l-ewwel eccezzjoni*'. … minkejja l-fatt li l-Qorti awtorizzat lis-socjetà attrici sabiex tirtira l-kambjali mill-atti u sussegwentement dawn gew iggirati, dan il-fatt fih innifsu ma jeskludix li l-kawza giet intavolata minn persuna li f'dak l-istadju kienet semplici mandatarja tal-bank ... Huwa maghruf li l-mandatarju ma jistax jintavola proceduri meta l-mandant tieghu … jinsab Malta. Nullità li ma tistax tigi sanata";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, din is-sottomissjoni ma hija xejn hlief reciklagg tas-segwenti sottomissjoni (fol. 77), verbalizzata mill-konvenuti quddiem l-ewwel Qorti waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru, 1998, in oppozizzjoni ghall-imsemmija talba tas-socjetà attrici sabiex tirtira l-kambjali esebiti, maghmula waqt l-istess udjenza:
"f'kaz li t-talba tas-socjetà attrici tintlaqa' se tkun qieghda tippregudika l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti";

La darba din l-oppozizzjoni giet respinta permezz ta' l-imsemmi digriet tal-5 ta' Frar, 1999 u la barba dina l-Qorti kkonkludiet illi ma hemmx lok ghar-revoka ta' l-istess digriet, anqas ma hemm lok ghall-akkoljiment tas-sottomissjoni in ezami;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi minn ezami akkurat tal-kumplament ta’ dik il-parti tar-rikors ta’ appell intitolata “Sentenza tas-6 ta’ Gunju 2002” jirrizulta illi essenzjalment l-appellanti ressqu aggravju wiehed dwar il-meritu ta’ l-istess sentenza, liema aggravju jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Dina l-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u ezaminat ukoll is-sentenza appellat u ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi processwali maghmul mill-ewwel Qorti fl-istess sentenza. Konsegwentement, tasal ghall-konkluzjoni illi l-aggravju in ezami ta’ l-appellanti huwa infondat. Nonostante dan, però, dina l-Qorti sejra xorta wahda tittratta brevement numru ta’ sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti fil-parti tar-rikors ta’ appell imsemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan:

(i) L-appellanti ssottomettew illi “kien l-obbligu tas-socjetà attrici li tgharraf lill-esponenti li ghal dawk it-tip ta’ *airconditioners* [*i.e.* il-*wall units*] kellek bzonn permess mahrug mill-Awtorità ta’ l-Ippjanar”. Immedjatament qabel din is-sottomissjoni l-appellanti rreferew ghad-depozizzjoni ta’ Oreste Galea (impjegat bhala *Senior Enforcement Officer* ma’ l-allura Awtorità ta’ l-Ippjanar) - minnhom prodott bhala xhud - maghmula waqt l-udjenza tat-tmienja (8) ta’ Novembru, 2001, izda konvenjentement injoraw is-segwenti silta - f’forma ta’ domanda u risposta - minn dik id-deposizzjoni (fol. 160-161):

“Dr. Ivan Gatt: Sur Galea, ta’ min hu d-dmir jew inkella l-obbligu li japplika ghal dan il-permess, jekk joghogbok?

“Xhud: Ovvjament is-sid.

“Dr. Ivan Gatt: Ta’ min qed jizviluppa, is-sid, jew inkella l-persuna li jkun gie inkarigat biex jistalla l-*air conditioners*?

“Xhud: Normalment jaghmilhom is-sid ta’ l-art, id-*developer*, dejjem hekk kienet”;

(ii) Fil-paragrafu enumerat sebgha (7) tal-parti in ezami tar-rikors ta' appell l-appellanti jissottomettu hekk:

"Illi b'riferenza ghal dak li xehed Francis Catania, il-kumment li ghaddiet l-Ewwel Qorti huwa bbazat fuq semplici presunzjoni. Decizjoni ghandha tkun msejsa fuq dak li jirrizulta mill-provi u mhux fuq semplici prezunzjoni."

Tajjeb illi tigi hawn riprodotta s-silta relativa mis-sentenza appellata (pagina 5 tas-sentenza):
"… Lanqas ma tqis wisq kredibbli dak illi xehed b'*affidavit* Francis Catania, *electrician* imqabbad mill-konvenuta, meta qal illi dawn il-*units* [dawk tat-tip *split*] baqghu ma tqabbdux ghax is-socjetà attrici baqghet ma gharrfitx lill-konvenuta jekk kinitx mehtiega provvista elettrika b'*phase* wiehed jew bi tlieta. Li kieku kien dan biss li qieghed izomm biex il-progett jitlesta u biex il-konvenuta thallasha, is-socjetà attrici kienet sejra ma taghtix dan it-taghrif?" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Mhux xieraq illi l-appellanti jcahhdu lill-ewwel Qorti mid-dritt taghha illi, b'rizultat ta' l-ezercizzju doveruz ta' l-apprezzament tal-provi prodotti, tasal sabiex taghmel certi inferenzi - pjuttost milli "semplici prezunjoni" - anki billi l-istess Qorti *reads in between the lines*;

(iii) Dak illi ghadu kemm inghad fil-paragrafu immedjatament qabel dan ighodd ukoll ghas-segwenti lanjanza ta' l-appellanti, kontenuta fil-paragrafu enumerat tmienja (8) tal-parti in ezami tar-rikors ta' appell:
"Illi l-esponenti jikkontesta l-kumment, xejn floku, li ghaddiet l-Ewwel Qorti fis-sens li '*l-ilmenti mressqa llum mill-konvenuti huma biss skuza biex ma jhallsux*';

(iv) Fil-paragrafu enumerat disgha (9), ittra (b) tal-parti in ezami tar-rikors ta' appell l-appellanti, b'riferenza ghax-xhud Lino - indikat bhala Emanuel - Valletta, jghidu illi dan "Ix-xhud ma ftakar xejn". Jidher illi l-appellanti qed jirreferu ghad-depozizzjoni ta' Lino Valletta, moghtija fuq talba taghhom, waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2001 (fol. 135 sa 154). L-appellanti, però, konvenjentement insew illi Lino Valletta kien già xehed cirka erbgha snin u

nofs qabel, meta prezumibilment il-memorju tieghu dwar il-fatti rilevanti ghall-kaz kienet izjed friska - precizament fis-sbatax (17) ta' April, 1997. F'din l-ahhar imsemmija depozizzjoni Lino Valletta - illi dakinhar gie prodott bhala xhud mis-socjetà attrici - ftakar hafna u, fost dak illi ftakar waqt illi kien qed jigi kontro-ezaminat, hemm is-segwenti taghrif dwar it-thaddim ta' l-i*split units* (fol. 63-64):
“Xhud: … l-i*split* installati, tista' tmur u tarahom. Dalghodu ergajt rajthom.

“Dr. Anthony Ellul: Installati u qieghdin jahdmu jigifieri?

“Xhud: Iva, jahdmu kienu. Jahdmu kienu, issa x'ghamel il-klijent ma nafx”;

Ghal dawn il-motivi, tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma kemm id-digriet appellat u kemm is-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------